C/2026/5398

15.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Ottubru 2026

li taħtar rappreżentant ta' Stat Membru bħala membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

(C/2026/5398)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata minn Franza lill-Kunsill,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, l-istandards xjentifiċi għoljin, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Huwa wkoll indispensabbli li tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-EFSA mal-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li kull Stat Membru jinnomina membru u membru supplenti bħala r-rappreżentanti tiegħu għall-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA. Il-membri u l-membri supplenti hekk innominati għandhom jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' 4 snin, li jista' jiġġedded, u għandhom id-dritt tal-vot.

(3) Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' April 2026 [2], ħatar ir-rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030.

(4) Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Ġunju 2026, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sur Gilles SALVAT, il-membru għal Franza, irriżenja.

(5) Għalhekk jenħtieġ li jinħatar rappreżentant ġdid biex iservi għall-bqija tal-mandat tal-predeċessuri tagħha.

(6) Ir-rappreżentant li ġie nnominat minn Franza għandu esperjenza u għarfien espert rilevanti u estensivi fil-qasam tal-liġi u l-politika tal-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll fl-oqsma ta' kwistjonijiet maniġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali. Għaldaqstant, il-ħatra tagħha tiżgura l-ogħla standards ta' kompetenza u l-aktar firxa wiesgħa ta' esperjenza rilevanti disponibbli fil-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sat-30 ta' Ġunju 2030:

– Is-Sa Élisabeth CLAVERIE DE SAINT MARTIN (Franza).

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2026 li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU C, C/2026/2583, 30.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2583/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

D. O'BRIEN